

31.1.2024

A9-0014/151

Emenda 151

Anja Hazekamp

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom (COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(40) Minħabba n-novità tal-NGTs, se jkun importanti li jiġu mmonitorjati mill-qrib l-iżvilupp u l-preżenza fis-suq tal-pjanti u tal-prodotti tal-NGT u li jiġi evalwat kwalunkwe impatt akkumpanjanti fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, fuq l-ambjent u fuq is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali. L-informazzjoni jenħtieġ li tinġabar regolarment u fi żmien **5** snin wara l-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni li tippermetti r-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid fis-suq ta' pjanti tal-NGT jew ta' prodotti tal-NGT fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament biex tkejjel il-progress li jkun sar lejn id-disponibbiltà ta' pjanti tal-NGT li fihom tali karatteristiċi jew proprjetajiet fis-suq tal-UE.

(40) Minħabba n-novità tal-NGTs, se jkun importanti li jiġu mmonitorjati mill-qrib l-iżvilupp u l-preżenza fis-suq tal-pjanti u tal-prodotti tal-NGT u li jiġi evalwat kwalunkwe impatt akkumpanjanti fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, fuq l-ambjent u fuq is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali. L-informazzjoni jenħtieġ li tinġabar regolarment u fi żmien ***tlit*** snin wara l-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni li tippermetti r-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid fis-suq ta' pjanti tal-NGT jew ta' prodotti tal-NGT fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament biex ***tivvaluta l-effetti negattivi possibbli fuq il-bijodiversità, l-ambjent u s-saħħa, l-impatt fuq il-katina tal-valur organiku, il-fiduċja u l-libertà tal-għażla taċ-ċittadini*** u tkejjel il-progress li jkun sar lejn id-disponibbiltà ta' pjanti tal-NGT li fihom tali karatteristiċi jew proprjetajiet ***favorevoli reali*** fis-suq tal-UE.

Or. nl

31.1.2024

A9-0014/152

Emenda 152

Anja Hazekamp

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

A9-0014/2024

Proposta għal regolament

Premessa 43a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(43a) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jiżguraw li titwettaq riċerka sistematika u indipendenti dwar ir-riskji potenzjali involuti fir-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid fis-suq tal-NGTs. L-Istati Membri u l-Unjoni jenħtieġ li jwarrbu r-riżorsi neċessarji għal tali riċerka f'konformità mal-proċeduri baġitarji tagħhom, u r-riċerkaturi indipendenti jenħtieġ li jingħataw aċċess għall-materjal rilevanti kollu. F'konformità mal-proċeduri baġitarji tagħhom, l-Istati Membri u l-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw ir-riżorsi neċessarji għal tali riċerka, u r-riċerkaturi indipendenti jenħtieġ li jingħataw aċċess għall-materjal rilevanti kollu.

Or. nl

31.1.2024

A9-0014/153

Emenda 153

Anja Hazekamp

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Article 20a

*Dispożizzjonijiet speċifiċi għar-rifjut ta'
pjanti, ikel, ġhalf u prodotti tal-NGT*

*Mingħajr preġudizzju għall-kriterji fir-
Regolament (KE) Nru 1829/2003 u d-
Direttiva 2001/18/KE, ir-rilaxx
intenzjonat tal-pjanti tal-NGT u t-tqegħid
fis-suq ta' ikel, ġhalf u prodotti tal-NGT
għandhom jiġu rrifjutati jekk Stat
Membru jqis li jkun probabbli li dan
jipperikola s-saħħa, l-ambjent jew is-
sostenibbiltà tal-katina alimentari.*

Or. nl

31.1.2024

A9-0014/154

Emenda 154

Anja Hazekamp

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 21

imħassar

*Durata tal-validità tal-awtorizzazzjoni
wara t-tiġdid*

B'deroga mill-Artikolu 11(1) u mill-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, wara l-ewwel tiġdid, l-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu mingħajr limitu, sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċidix li ġġedded l-awtorizzazzjoni għal perjodu limitat, għal raġunijiet ġustifikati bbażati fuq is-sejbiet tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont dan ir-Regolament u fuq l-esperjenza bl-użu, inklużi r-riżultati tal-monitoraġġ, jekk dan ikun speċifikat fl-awtorizzazzjoni.

Or. nl

31.1.2024

A9-0014/155

Emenda 155

Anja Hazekamp

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0014/2024

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom (COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) il-persunal tal-Awtorità għandu, fuq talba ta' applikant jew notifikatur potenzjali, jagħti parir dwar ipoteżijiet tar-riskju plawżibbli li l-applikant jew in-notifikatur potenzjali jkun identifika abbażi tal-proprjetajiet ta' pjanta, prodott jew pjanta jew prodott ipotetiċi, li jeħtieġ li jiġu indirizzati billi tiġi pprovduta l-informazzjoni taħt il-Partijiet 2 u 3 tal-Anness II. Madankollu, il-parir ma għandux ikopri t-tfassil tal-istudji biex jiġu indirizzati l-ipoteżijiet tar-riskji;

(a) il-persunal tal-Awtorità għandu, fuq talba ta' applikant jew notifikatur potenzjali **meta dak ikun SME**, jagħti parir dwar ipoteżijiet tar-riskju plawżibbli li l-applikant jew in-notifikatur potenzjali jkun identifika abbażi tal-proprjetajiet ta' pjanta, prodott jew pjanta jew prodott ipotetiċi, li jeħtieġ li jiġu indirizzati billi tiġi pprovduta l-informazzjoni taħt il-Partijiet 2 u 3 tal-Anness II. Madankollu, il-parir ma għandux ikopri t-tfassil tal-istudji biex jiġu indirizzati l-ipoteżijiet tar-riskji;

Or. nl

31.1.2024

A9-0014/156

Emenda 156

Anja Hazekamp

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

Jessica Polfjärd

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

A9-0014/2024

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-Awtorità għandha tippubblika mingħajr dewmien **sommarju tal-parir** ta' qabel is-sottomissjoni ladarba applikazzjoni jew notifika tkun tqieset valida. L-Artikolu 38(1a) għandu japplika *mutatis mutandis*;

Emenda

(c) l-Awtorità għandha tippubblika mingħajr dewmien **il-parir** ta' qabel is-sottomissjoni ladarba applikazzjoni jew notifika tkun tqieset valida. L-Artikolu 38(1a) għandu japplika *mutatis mutandis*;

Or. nl